L-Isem: ______________________________ Il-Klassi: __________

# FEHIM MILL-QARI

IT-TMIEN SENA – ROTTA 1



**IL-ĦILIET TAL-QARI U L-KITBA**

### *Il-Kisbiet*

*Qari K1: Naqra bis-sens, f'qalbi jew quddiem ħaddieħor, b'leħen ċar, b'ritmu mexxej u b'kunfidenza.*

*Qari K2: Nifhem dak li naqra, inwieġeb mistoqsijiet varji fuqu u nagħraf il-messaġġi li jrid iwassal l-awtur.*

*Kitba K8: Nikteb b'Malti ħieles mill-iżbalji.*

## TILWIMA KKULURITA

Il-kuluri tal-qawsalla kellhom xi jgħidu. Bdew jargumentaw min minnhom kien l-aqwa, l-isbaħ u l-aħjar. **(par. 1)**

L-aħdar qal: "Jien l-aktar kulur importanti. Jien is-sinjal tal-ħajja u tat-tama. Jiena l-kulur tal-ħaxix u tas-siġar. Mingħajri l-annimali kollha jmutu. Ħarsu lejn in-natura u taraw kemm nispikka!" **(par. 2)**

Qabeż il-blu: "Int semmejt biss l-art. Imma ħares lejn is-sema u lejn il-baħar. L-ilma li huwa l-bażi tan-natura, jittella' fis-sħab mill-baħar blu u fond. Is-sema blu jfisser spazju, libertà u paċi. Mingħajr il-paċi tiegħi intom kollha ma tagħmlu xejn!" **(par. 3)**

L-isfar daħak: "Intom kollha serji żżejjed. Jien inġib id-daħk u s-sħana. Ix-xemx hi safra u hi tagħti d-dawl lill-qamar u lill-kwiekeb ukoll. Kull darba li tħarsu lejn il-warda tax-xemx, id-dinja kollha titbissem. Mingħajri ma jkun hemm ebda gost fil-ħajja!" **(par. 4)**

Kien imiss lill-oranġjo jgħid tiegħu: "Jien il-kulur tas-saħħa u l-qawwa. Jiena prezzjuż għax inġorr l-aktar vitamini importanti: fil-karrotti, fil-qara' aħmar u fil-larinġ. Jien ma nkunx preżenti l-ħin kollu, imma meta nimla s-sema fi tlugħ jew inżul ix-xemx, is-sbuħija tiegħi tkun immensa!" **(par. 5)**

L-aħmar ma felaħx aktar u għajjat: "Jien aqwa minnkom. Jien id-demm, jien il-kulur tal-periklu u tal-kuraġġ. Jien il-kulur tal-passjoni u tal-imħabba, tal-warda u tal-ponsjetta. Mingħajri d-dinja tkun vojta daqs il-qamar!" **(par. 6)**

Il-vjola qam bilwieqfa; kien twil immens u tkellem b'ċerta arja: "Jien il-kulur tal-poter u s-setgħa. Ir-rejiet u l-isqfijiet dejjem jagħżluni bħala sinjal ta' awtorità u għerf. Lili kulħadd jismagħni u jobdini minnufih!" **(par. 7)**

Fl-aħħar, b'leħen baxx, tkellem in-nir: "Jien il-kulur tas-silenzju. Bilkemm tarani imma jien infisser ħsieb u riflessjoni. Għandkom bżonni għall-bilanċ u l-kuntrast, għat-talb u l-paċi!" **(par. 8)**

Il-kuluri baqgħu jiftaħru u d-diskussjoni kompliet tisħon. F'daqqa waħda faqqgħet sajjetta li dwiet ma' kullimkien. Ix-xita bdiet nieżla bil-qliel. Il-kuluri siktu u resqu qrib xulxin għall-wens. F'nofs dan kollu x-xita qaltilhom: "Ja kuluri boloh! Ma tifhmux li kull wieħed minnkom huwa partikolari, uniku u differenti. Aqbdu idejn xulxin u taraw kif flimkien toħolqu spettaklu ta' lwien u ta' ġmiel liema bħalu!" **(par. 9)**

*(silta addattata minn RM2000 – Frar 2017)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

**Taħriġ A: Aqta sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.**

1. L-ilwien tal-qawsalla (tlewmu – raqdu – ħarbu).
2. Il-kulur li ftaħar li jidher ħafna fin-natura hu (l-oranġjo – l-isfar – l-aħdar).
3. Il-ħoss (tas-sajjetta – tax-xita – tal-kuluri) damdam kullimkien.

**Taħriġ B: Immarka jekk hux veru jew falz.**

4. L-ewwel kulur li tkellem kien l-isfar.

❒ Veru ❒ Falz

5. Il-vjola ftahar li hu l-kulur li jagħżlu dawk li jikkmandaw u jmexxu.

❒ Veru ❒ Falz

6. In-nir qal li kellu jgħid b'ħanġra daqsiex.

❒ Veru ❒ Falz

**Taħriġ Ċ: Kompli s-sentenzi.**

7. Il-blu ftaħar li hu l-kulur ______________________ u ______________________.
8. L-isfar qal li ______________________ u ______________________ jirriflettu d-dawl tax-xemx.
9. ______________________ ftaħar li jżomm lin-nies f'saħħithom għax hu l-kulur ta' xi frott u ħxejjex.

**Taħriġ D: Wieġeb.**

10. Xi ftaħar li jġib l-isfar?

______________________________________________________________

11. X'kien li waqqaf ħesrem id-diskussjoni bejn il-kuluri?

______________________________________________________________

12. Din l-istorja minkejja li hi fuq il-kuluri, tagħtina messaġġ dwarna l-bnedmin. Taqbel? X'messaġġ tagħtina?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

13. Inti ma' liema kulur tassoċja l-karattru tiegħek l-aktar? Għaliex?

_______________________________________________

_______________________________________________

14. (a) **Immarka t-tweġiba t-tajba.**

*Ix-xita bdiet nieżla bil-qliel* **(par. 9)** tfisser:

❒ bdiet traxxax

❒ bdiet nieżla ħafna u bil-qawwi

❒ bdiet tagħmel ħalba qasira u tieqaf

(b) *...tkun immensa* **(par. 5)**

Ikteb kelma oħra jew frażi biex tfisser il-kelma **immensa** ____________________

**Taħriġ E: Imla l-vojt skont kif mitlub fil-parentesi.**

15. Darba minnhom ____________________ (żid **l-artiklu** mal-kelma **lwien**) iġġieldu.

16. L-aħdar qal li hu l-kulur li jispikka fil-____________________ (**il-plural** ta' **wied**) u mingħajru l-ħajja ____________________ (**in-negattiv** ta' **tibqa'**) l-istess.

17. Il-blu ftaħar li hu l-kulur tal-____________________ (**nom fil-plural** mill-għerq **b-ħ-r**) kollha tad-dinja. Qal ukoll li ____________________ (żid **l-artiklu** mal-kelma **spazji**) li hemm fis-sema jfissru ____________________ (poġġi **l-aċċent** fuq il-kelma **liberta**) u paċi.

18. L-oranġjo qalilhom li għalkemm ____________________ (**in-negattiv** ta' **huwa**) komuni ____________________ (żid **l-artiklu** mal-prepożizzjoni **bħal**) oħrajn, xorta hu kulur importanti.

19. L-aħmar ftaħar li hu l-lewn ta' żewġ ____________________ (**il-plural** ta' **fjura**) popolari u ____________________ (**il-plural** ta' **sabiħa**).

20. Il-vjola u n-nir kienu l-aħħar żewġ kuluri li tkellmu. Fl-aħħar ix-xita qalet lill-kuluri: "____________________ (**il-kmand/l-imperattiv plural** ta' **siket**) ja kuluri boloh!"